

Brussell, 4 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0250 (COD)

9646/26
ADD 2

CODEC 993
JAI 654
COPEN 197
DROIPEN 98
FREMP 187
SOC 288

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (**I-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
= Dikjarazzjoni

Il-Portugall talab li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħal fil-minuti tal-Kunsill

Il-Portugall jilqa' l-isforzi kollha li għandhom l-għan li jkomplu jsaħħu d-drittijiet tal-vittmi. F'dan ir-rigward, il-Portugall jappoġġa b'mod ġenerali l-pakkett ta' kompromess.

Madankollu, il-Portugall isostni l-oġġezzjoni tiegħu għar-referenza għall-abort fil-premessi. Tali referenza taqa' fuq il-kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri u tikkostitwixxi ndhila eċċessiv, li jmur kontra l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

Barra minn hekk, il-koleġislaturi ma qablux ma' dispożizzjonijiet operattivi li jagħtu dettalji dwar trattamenti speċifiċi għall-vittmi tal-vjolenza sesswali, inkluż iżda mhux limitat għall-abort. Il-Linja Gwida 10 tal-Gwida Prattika Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għal persuni involuti fl-abbozzar tal-Leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea tipprevedi li *l-għan tal-premessi huwa li jsemmu b'mod konċiż ir-raġunijiet wara d-dispożizzjonijiet ewlenin tat-termini ta' promulgazzjoni, mingħajr ma jkunuu riprodotti jew miktuba mill-ġdid*. Il-premessi ma għandhomx jinkludu wkoll *dispożizzjonijiet mhux ta' natura normattiva, bħalma huma xewqat jew dikjarazzjonijiet politiċi*.

Il-premessi huma t-taqsimha ta' att legali li fiha l-istituzzjonijiet iridu jissostanzjaw li aġixxew fl-ambitu tal-kompetenzi tagħhom, li l-objettivi segwiti ma jistgħux jintlaħqu b'mod adegwat mill-Istati Membri waħedhom, u li l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tibqa' limitata għal dak li huwa meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-objettivi tat-Trattati. F'dan il-kuntest, l-inklużjoni ta' tali referenza fil-premessa 13 tistabbilixxi preċedent mhux mixtieq u mhux ġustifikabbli.